## IL-BNIEDEM BIKRI??

Xi kultant timsa' min jgħid hekk dwar il-bidu tal-bniedem:

"L-istudju dwar il-bidu tal-bniedem jitfassal u joħroġ mill-istħarriġ u s-sejbiet arkeoloġiċi u pareoantropoloġiċi **li jitrieħu fuq l-interpretazzjoni li tingħata lill-fossili u fdalijiet oħra fis-saffi ta' l-art**" (enfasi tiegħi).

Nistaqsi jien: "**Jistrieħu fuq l-interpretazzjonijiet li tingħata"?** U jekk l-interpretazzjoni tkun żbaljata jew mogħtija bil-ħsieb biex tqarraq? Ikun ifisser li dak li hu interpretat huwa tassew? Dawk l-interpretazzjonijiet li huma mogħtija b'dan il-mod mhumiex korretti għal kollox. Meta aħna niktbu għandna nirrispettaw lill-qarrejja tagħna billi ngħidulhom ċar u tond il-fatti u l-verità u mhux gideb jew nofs verità!

Dwar il-bidu tad-dinja t-teorija ta' l-isplużjoni tal-bidu issa ġiet imwarrba fil-ġenb mill-biċċa l-kbira tax-xjenzati ta' l-affari tagħhom. Li nixtieq nitkellem huwa dwar dawk il-ħafna sejbiet li jissemmew u lin-nies jaħsbu li l-interpretazzjoni mgħotija lilhom hija korretta fejn fil-fatt mhijiex. Dawn bl-ebda mod ma jippruvaw l-evoluzzjoni tal-bniedem mix-xadini! Ħalli nagħti xi eżempji:

(1) *Pithecanthropus erectus*—"Raġel ta' Java." Beda b'GĦADMA WAĦDA minn fuq l-iskutella tar-ras (kranju), misjuba minn Dr. Eugene Dubius fl-1891, f'Java, u għadma tar-riġel u żewġ darsiet, kienet magħmula "rikonstruzzjoni" bil-ġibs verġni," mill-qadd 'il fuq, turi "mnieħer ċatt, geddum qasir, b'għonq ta' barri." Fl-istess inħawi nstabu wkoll "tliet kranji adulti...f'forma tajba...u partijiet tax-xedaq ta' fuq u ta' isfel b'numru ta' snien. Dak li sabhom aktar tard ammetta li dawn ma setgħux ġew minn kreatura waħda, imma kienu taħlita ta' għadam minn irġiel tassew u xadini tassew! Mela, "*Pithecanthropus erectus*" huwa RIKONSTRUZZJONI, magħmula mill-immaġinazzjoni ta' dak li *ħaseb* l-evoluzzjonist li dak hekk kellu jkun! Ħafna eluf ta' stampi kienu ippublikati fil-kotba ta' l-iskejjel, u għadna narawhom sal-lum, kif fil-fatt sar f'paġna 9 mis-Sur Francis Galea fejn ippubblika stampa minnhom u fejn intqal li l-*Pithecanthropus* kien il-bniedem li beda jimxi dritt ta' miljun u nofs sena ilu! Dik l-istampa hija biss *immaġinazzjoni* u mhux realtà! Fis-snin riċenti fossili oħra nstabu tal-"Pithecanthropus" imma xejn ma kien hemm biex jiġġustifika "r-rikonstruzzjoni" immaġinattiva!

(2) *Neanderthal* — Dan kien biss kappa ta' l-iskutella tar-ras fejn kienet misjuba fl-1857 f'għar qrib Dusseldrof, il-Ġermanja. Virclow, il-patologu kbir Ġermaniż, iddi-kjara li kienet kranju ta' idjota! Antropologi jgħidulna li mis-sejba oriġinali 'l hawn, "kien hemm aktar minn mitt kranju 'Neanderthal' misjuba; 20 kienu f'kondizzjoni tajba. Dawn fl-ebda sens ma huma fil-katina evoluzzjonarja." Imma l-aktar stqarrija importanti dwar dan hija magħmula minn J.E. Weckler, fl-artiklu tiegħu "NEAN-DERTHAL MAN" fis-*Scientific American*," fejn igħid: "Il-fossili (tal-bniedem) iħalluna mħawdin dwar il-bidu tiegħu. Studju fit-tul tal-kranji *naqas milli jagħti xi stampa konklussiva ta' l-evoluzzjoni bikrija tal-bniedem*; fil-fatt, ħafna mit-teoriji ma għaddewx mill-prova ta' sejbiet ġodda ta' fossili. Fost l-enigmi kollha, in-Neaderthal Man,...għadu forsi l-aktar li jħawwad." Biex nuri l-konfużjoni li hemm fil-kamp ta' l-antropologi, nikkwota minn J. E. Wecker, fejn qal: "L-aktar qadima (mill-fossili mis-juba fl-Ewropa) huwa x-xedaq tar-raġel ta' Heidelberg, li hu maħsub li għandu żmien ta' madwar 500,000 sena. Dan darba kien maħsub li hu antenat tar-raġel Neanderthal IMMA SNIENU NSTABU LI HUMA AKTAR AVVANZATI MINN DAWK TA' NEADERTHAL, u *bħal dawk ta' homo sapiens*."

Dan juri ċar li skond ix-xhieda ta' l-antropologi, il-kranji KOLLHA ta' qabel u t-tipi huma TAL-BNEDMIN.

(3) *Australopithecus africanus* – Żewġ xjenzati magħrufa sew, Solly Lord Zucker-man u Dr. Charles Oxnard, fis-snin riċenti sfidaw l-idea li kienet poplari li l-austra-lopitheċini kienu jimxu dritti u għalhekk kienu fit-triq li jsiru bnedmin. Għal aktar minn ħmistax-il sena Lord Zuckerman studja l-australopitheċini, b'tim ta' xjenzati li qatt ma kien inqas minn erba'. Il-konklużjonijiet tiegħu kienu mħabbra fit-test klassi-ku tiegħu *Beyond the Ivory Tower*. Dr. Oxnard irrapporta xi wħud mis-sejbiet tiegħu fin-*Nature* (Vol. 258, 1975, pp. 389-395). Il-konklużjoni tiegħu—li kienet taqbel perfettament ma' dik ta' Lord Zuckerman—kienet li l-*Australopithecus* ma kienet irrelatata għal ebda ħaġa ħajja llum. Fil-fatt, Lord Zuckerman qal li jekk il-bniedem evolva minn antenati jixbħu x-xadini, dan għamel hekk mingħajr ma ħalla ebda traċċi fir-reġistrar tal-fossili (*Beyond the Ivory Tower*, p. 64).

Forsi l-aħjar stqarrijiet li jistgħu jkunu magħmula dwar din l-hekk imsejħa "eviden-za" kollha għal l-evoluzzjoni tal-bniedem huma dawk minn ċerti

evoluzzjonisti nfus-hom. Eżempju, Elwyn Simons qal: "Minkejja s-sejbiet riċenti, iż-żmien u l-post ta' l-oriġini ta' 'order Primates' jibqgħu mgeżwra f'misterju. Il-konsiderazzjonijiet kollha ta' evoluzzjoni l-aktar bikrija mix-xadini jibqgħu wisq ħafna ħaġa jew kustjoni ta' opinjoni u huma spekulattivi" ( *Annals of the New York Academy of Sciences*, Vol. 167, 1969, p. 319). Ukoll dak li qal Lyall Watson: "Il-fossili li jiddekoraw is-siġra tal-familja tagħna huma tant skarsi li għad hemm aktar xjenzati milli hemm kampjuni. Fatt ta' min josservah huwa li l-evidenza fiżika kollha li aħna għandna għal l-evoluzzjoni umana għad tista' titqiegħed, bi spazju żejjed, ġewwa tebut wieħed" (The Water People," IN: *Science digest*, Vol. 90, Mejju 1982, p. 44). U jiena ngħid lill-qarrejja, li tassew it-teorija ta' l-evoluzzjoni postha hu fit-tebut ħalli tindifen darba għal dejjem! L-antropologi magħrufa kollha jaqblu li l-Australopitheċini kienu xadini u mhux xadini fi triqthom biex isiru bnedmin!

(4) *Sinanthrous Pekinensis* –"Ir-Raġel ta' Peking." Kienu nstabu ħafna kranji u frak tagħhom f'għar qrib Peking, iċ-Ċina, fl-1929. Dawn il-kranji kollha "jaqblu mal-kranji umani tal-lum." Imma x'ġara aktar wara? Saret RIKONSTRUZZJONI ta' Sinanthropus minn Dr. Franz Weidenreich, li ġiegħel lil min jaħseb dwar kreatura intermedjarja, bejn xadini u bnedmin. Imma għal darb'oħra, ir-RIKONSTRUZZJONI kienet imfassla fil-moħħ ta' evoluzzjonist, u tirrappreżenta dak li hu ĦASEB u RIED li din tkun! Dr. Davidson Black, ta' Rockefeller Foundation, qal li "dawk il-kranji kollha (misjuba qrib Peking u Choukoutein, iċ-Cina) kienu kranji tal-bnedmin." Sfortunatament, l-għadam tar-raġel ta' Peking kien misterjożament mitluf, għalhekk ħadd illum ma jista' jippruvahom jew ma jippruvahomx.

(4) *Eoanthropus* – "Ir-raġel ta' Piltdown. Charles Dawson, ta' Piltdown, l-Ingilterra, ħabbar fl-1911 li ħaddiema kienu sabu partijiet ta' kranju li apparentament kienu minn xorta ta' raġel primittiv. Il-paleontologu Ingliż Sir Arthur S. Woodward iddeċieda li l-għadam kienu issa ta' xorta ta' raġel li issa kien estint, li hu sejjaħlu *Eoanthropus* u li wkoll sar magħruf bħala r-Raġel ta' Piltdown. Il-lum aħna lkoll nafu li *Eoanthropus* kien taqriqa deliberata li qarrqet lil l-antropologi magħrufa tad-dinja għal 40 sena! (ara Isaac Asimov, *how we found out about OUR HUMAN ROOTS*, PP 39-41).

(5) *Hesperopithecus haroldcookii* jew ir-*Raġel ta' Nebraska* – Fl-1922 is-sejba ta' darsa kienet imħabbra, u kienet magħrufa bħala r-raġel ta' Nebraska—l-ewwel xhieda ta' bniedem "preistoriku" fuq il-kontinent Amerikan. Stampa sabiħa tas-Sinjur u s-Sinjura *Hesperopithecus* dehret fil-gazetta "Illustrated London News." Ħames snin wara saret aktar investigazzjoni u nstab lis-*sinna* waħda li fuqha kienet ibbażata r-rikonstruzzjoni kollha irriżultat li kienet dik ta' ħanżir estint! Għal l-ewwel kien hemm importanza kbira fl-ewwel faċċata dwar ir-raġel xadin falz u mingħajr deher ta' xejn l-ebda rapport ma sar wara dwar is-sitwazzjoni vera u dwar dak lir-riżulta!

Wieħed jista' jkompli jsemmi dawn is-sejbiet imma ħaġa li hija ċerta dwarhom hi, li dawn jew kienu kollha xadini jew kollha bnedmin. Xjenza vera ma tistax tkun mogħtija l-ħtija għal dawn il-falsifikazzjonijiet kollha, imma l-ħaġa kollha turi li ĦAFNA XJENZATI JISTGĦU JKUNU NGANNATI FAĊILMENT.